## Regoli Prattiċi

+ Il-kitba fil-Labtu ssir darba biss minn saċerdot.

+ Ilbsu b'devozzjoni u bħala libsa ta' ġieh li jfakkrek fid-dinjità tiegħek ta' Nisrani. Tista' floku, jekk meħtieġ, tilbes domna tal-Madonna tal-Karmnu li fuq naħa minnhom ikollha x-xbieha tal-Qalb ta' Ġesù.

+ Għix ħajja ta' nisrani fil-prattika bis-smiegħ tal-Kelma ta' Alla, bis-sehem fis-Sagramenti, l-aktar tal-Qrar u l-Ewkaristija, bit-talb speċjalment il-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla u r-Rużarju.

+ Kun Nisrani dejjem u kullimkien bi mġieba xierqa.



## TALBA

*Fjur tal-Karmelu,*
*Dielja bil-frott mogħnija,*
*Dija tas-Sema,*
*Int Xebba waħdanija*
*b'ġieh ta' Omm tiftaħar*

*Omm l-aktar ħelwa*
*li ġmielek qatt ma ttabba'*
*mal-Karmelitani*
*ħniena uri u mħabba*
*Kewkba tal-baħar.*

www.karmelitani.org

## Sinjal Marjan...

+ tal-imħabba ta’ omm li l-Verġni Marija għandha lejna wliedha, u tal-ħarsien tagħha fuqna;

+ tal-għotja lil Alla u lill-Imqaddsa Verġni Marija tar-reliġjużi Karmelitani, Terzjarji u miktubin fil-Labtu;

+approvat mill-Knisja u miżmum mill-Ordni Karmelitan bħala turija esterna ta’ mħabba lejn Marija, tal-fiduċja li aħna wliedha nqegħdu fiha u tal-fehma soda li ngħixu bħalha;

+tal-fehma li nġorru fuqna l-madmad ta’ Kristu taħt il-ħarsien u l-eżempju ta’ Marija li fiha naraw bħal f’mera dak li msejħin għalih u li nixtiequ li nkunu fil-Knisja u fid-dinja.

## Il-Labtu fl-Istorja...

+ jsib l-għeruq tiegħu f’parti mil-libsa reliġjuża imsejħa “skapular”: biċċa drapp tawwalija li tintlibes fuq l-ispallejn bħala simbolu tal-fehma li nġorru s-Salib fil-mixja wara Kristu;

+ xi drabi mogħti lil lajċi bħala affiljati ma’ xi ordni reliġjuż jew ieħor b’sinjal li dawn jieħdu sehem mill-istess spirtu u appostolat tal-ordni;

+ l-Ordni Karmelitan għaraf fih ir-rahan tal-ħarsien ta’ Marija fuqu meta kemm il-darba ħarsitu mit-tiġrif;

+ L-għotja tal-Labtu minn Marija lil San Xmun Stock tiġbor fi ġrajja din il-verità spiritwali tal-ħarsien ta’ Marija fuqna wliedha tul ħajjitna u wara mewtna.

## Il-Labtu li ġġib fuqek...

+ jorbtok li b’fehma sħiħa timxi wara Kristu fis-sejħa tal-magħmudija;

+  jgħinek tintelaq f’idejn il-Verġni Marija biex tmexxik bil-ħarsien u l-eżempju tagħha fit-triq tal-perfezzjoni evanġelika;

+ ifakkrek tħalli lil Marija tagħtik qalbha biex bħalha: ⁎ tingħata lil Alla b’mod sħiħ ⁎ tintrabat ma’ dak li jogħġob lilu ⁎ temmen fil-Kelma tiegħu, tixtarrha, tgħożżha bejnek u bejn ruħek u tgħixha fil-ħajja ta’ kuljum ⁎ tishar fit-talb ma jaqta xejn u tgħix fil-preżenza kontinwa ta’ Alla ⁎ taqdi lil ħutek il-bnedmin b’qalb kbira u ġeneruża u ma tfittixx dak li hu tiegħek.

+ isieħbek fil-Familja Reliġjuża tal-Karmelu u fix-xirka ta’ tant irġiel u nisa qaddisin li ġabu fuqhom il-Labtu.